MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 116/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Norbert Ciappara)**
**Vs**
**Stephen Abela**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 t'Awissu, 2001 u l-gimghat ta' qabel din id-data:**
**1) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba w is-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja**

**jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta, kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emmendati, w bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;**
**2) ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru minn perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 t'April, 2005, li biha, wara li rat l-artikolu 31 tal-Kap. 9, it-Taqsima 4 u 6, l-artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i), it-tieni proviso li jidher taht l-artikolu 22(2)(b)(ii) – dak li jittratta dwar iid-distanza – l-Ewwel Skeda tal-Kap. 101 kif ukoll ir-regolament 9 tar-regolamenti tal-1939 (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati, sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontrih u kkundannatu ghal hmistax-il xahar (15) prigunerija w multa ta' hames mitt lira Maltija (LM500) u wara li rat l-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti kkundannat lill-imputat ihallas is-somma ta' LM42.25 spejjez tal-espert mahtur mill-Qorti.
Il-multa w l-ispejjez jistghu jithallsu f'rati mensili ta' LM45.17 (hamsa w erbghin lira Maltija w sbatax-il centezmu), bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba gimghat, b'dan pero' li fin-nuqqas ta' xi pagament, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Fin-nuqqas ta' hlas ta' xi parti mill-multa, l-parti mhux imhallsa tinbidel f'jum prigunerija ghal kull hames liri mhux imhallsin.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 t'April, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-

appell u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-esponent hati ta' pussess ta' droga (pussess semplici), thassaraha, tirrevokaha w tannullaha in kwantu ghall-kwalifika li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w ghat-tieni akkuza dwar l-aggravanti tad-distanza w konsegwentement tibdilha dwar il-piena li ghandha tirrifletti pussess semplici jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi nflitta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti kif ukoll applikazzjoni erronja tal-ligi ghar-ragunijiet li gejjin :- Illi l-kalkolazzjoni tal-probbabilta' matematika adoperata mill-Ewwel Qorti ma kellhiex tigi applikata fil-kaz odjern u l-applikazzjoni taghha fil-kamp penali hi perikoluza ghax tfisser vjolazzjoni tal-prezunzjoni tal-innocenza. L-appellant sostna li kien sab pakkett tas-sigarretti li b' mod accidentali w fortuwitu kien jikkontjeni borza bi trab kannella li sussegwentement irrizulta illi kienet eroina . U peress li kien *addic*t, pero' kien qed jikkumbatti biex jegheleb il-vizzju, ghelbitu t-tentazzjoni w kien iddecieda illi jikkonsma dik id-droga. Illi mhux daqshekk improbabbli li persuna minn-Naxxar issib borza droga minn hdejn post fin-Naxxar stess fejn fi kliem l-Ispettur kien hemm nies maghrufin mieghu. Illi l-prosekuzzjoni ma ressqet u lanqas il-Qorti ma rreferiet ghal xi cirkostanza fattwali imqar wahda bhala raguni ghaliex ma kellhiex titwemmen il-versjoni tal-appellant. Illi kien hemm mistoqsijiet li jimmilitaw favur il-versjoni tal-appellant. Li huwa legalment skorrett li tikkwalifika bhala indizji xi mistoqsijiet li l-Qorti deherilha li ma gewx imwiegba. Illi ma jidhirx illi l-ammont hu wiehed li fih innifsu oggettivament mhux kompatibbli mall-uzu personali. Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda distinzjoni bejn l-istadju tal-provenjenza tad-droga w d-destinazzjoni eventwali tal-istess. Illi anki jekk l-Ewwel Qorti deherilha li m' ghandhiex temmen lill-appellant dwar il-provenjenza tad-droga, din ma kellhiex tigi konsidrata li hi wahda mic-

cirkostanzi li juru inekwivokament id-destinazzjoni eventwali permezz tal-ispacc. Mhux kull cirkostanza li tista’ twassal ghal xi suspett hija sufficjenti biex tipprova l-intenzjoni tal-ispacc u ghalhekk wiehed ghandu jezercita cirkospezzjoni akbar f’ kazijiet simili. Id-dicitura *“cirkostanzi”* mhux ekwivalenti ghal *“suspetti”* jew *“cirkostanzi suspettuzi”* izda ghal “*indikazzjoni inekwivoka tal-intenzjoni tal-ispacc*.” L-appellant umbaghad ghamel riferenza ghal certi cirkostanzi li l-Qrati kkonsidraw bhala determinanti dwar il-fatt jekk id-droga kienetx ghall-uzu esklussiv jew le u li ma jirrizultawx fil-kaz in ezami. Dawn huma l-fatt li ma nstabux flus fuq l-appellant; il-fatt li hu qaghad idur bid-droga fuqu meta min ser jispacca ma jahlix zmien u jaghmel dak li ghandu jaghmel. Li d-droga ma nstabitx maqsuma f’ pakketti jew *sachets* imma nstabet kollha f’ pakkett wiehed. Illi l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta meta qabblet is-sistema legali tal-Portugall u tal-Finlandja ma dik ta’ Malta. Illi umbaghad l-Ewwel Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni it-trapass taz-zmien, kwazi erba snin ghall-finijiet ta’ piena. Illi l-aspett tar-riabilitazzjoni gie njorat mill-Ewwel Qorti w din naqset milli taghmel ir-rakkomandazzjoni kwazi konswetudinarja sabiex l-appellant jinghata l-kura mehtiega. Illi l-gurisprudenza citata mill-Ewwel Qorti kienet irrilevanti ghax il-fattispecji tal-kaz ma kienux l-istess.

**Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-23 ta’ Gunju, 2005, li bih Dr. Tonna Lowell ghall-Prosekuzzjoni eccepixxa n-nullita’ tar-rikors tal-appell stante li t-talba mhix skond il-ligi.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni kemm fuq il-pregudizzjali sollevata mill-Prosekuzzjoni kif ukoll, bla pregudizzju ghall-istess eccezzjoni, t-trattazzjoni fuq il-mertu;**

**Rat il-verbal taghha tal-istess data li bih akkordat hmistax il-jum zmien lil-Avukati biex jaghmlu nota ta’**

**riferenzi fuq il-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali;**

**Rat in-nota ta' riferenzi tal-appellant minnu prezentata fil-15 ta' Lulju, 2005, minkejja li din giet prezentata *fuori termine*.**

**Rat illi l-Avukat Generali ma pprezenta ebda nota sal-lum.**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ovvjament l-ewwel kwistjoni li trid tigi deciza hija dik tan-nullita' tar-rikors tal-appell sollevata mill-Avukat Generali.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-appellant gie akkuzat taht zewg paragrafi. Fl-ewwel paragrafu jinghad li l-appellant kien fil-pussess tad-droga eroina, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu. Fit-tieni paragrafu mbaghad jintqal li hu kkommetta ir-reati (Sic!) fi jew gewwa distanza ta' 100 metru minn perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh. Din il-Qorti qed issemmi *paragrafi* ghaliex kif ser jintqal dawn proprjament mhumiex zewg imputazzjonijiet differenti imma dak kontenut fit-tieni paragrafu mhu xejn hlief aggravanti tar-reat kontenut fl-ewwel paragrafu. (ara Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph John Agius**" [9.4.2003] ) Cio' nonostante l-Ewwel Qorti fil-para. 47 tas-sentenza appellata qalet testwalment : "*li l-Prosekuzzjoni ppruvat kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni imputazzjoni*." u "*li kienet qed issib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba kontrieh*." (para. 48)**

**Fir-rikors tal-appell, l-appellant talab li din il-Qorti** tirriforma **s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabitu hati ta' pussess ta' droga (pussess semplici), thassarha, tirrevokaha w tannullaha in kwantu ghall-kwalifika li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w t-tieni akkuza dwar l-aggravanti tad-distanza w konsegwentement tibdilha dwar il-piena li ghandha tirrifletti l-pussess semplici. Illi hu minnu li t-talba kif redatta fir-rikors tal-appell hija kwazi identika ghat-talba kif kienet saret fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" **[23.5.2002] fejn l-appellant kien instab hati ta' pussess aggravat b' cirkostanzi tali li jindikaw li dik id-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu w fir-rikors tieghu talab li jinstab hati biss ta' pussess semplici w tigi revokata s-sentenza fil-parti fejn sabitu hati tal-aggravanti ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv. Hu minnu ukoll li din il-Qorti – kif illum preseduta – fl-assenza ta' xi eccezzjoni simili da parti tal-Avukat Generali – ma ssollevatx hi stess *"ex officio"* n-nullita' tar-rikors tal-appell. Ir-raguni kienet u hi li, trattandosi ta' reat ta' pussess ta' droga bl-aggravanti tac-cirkostanzi w tad-distanza minn post fejn jiltaqghu z-zghazagh (f' dan il-kaz) , fejn qed jigu kontestati biss l-aggravanti w mhux il-pussess *per se* , din il-Qorti thoss li t-talba fis-sustanza hija korretta.**

**Issa hu minnu li proprjament l-Ewwel Qorti f' ebda parti tas-sentenza ma sabet lill-appellant hati ta' pussess tad-droga (pussess semplici), kif qed jghid l-appellant fir-rikors tieghu, w taht dan l-aspett ir-rikors tal-appell mhux preciz, pero' bil-mod kif giet redatta t-talba – konsidrat li lanqas is-sentenza appellata ghal dak li hija dicitura mhi preciza – din il-Qorti hi sodisfatta li hija saret bi kliem car bizzejjed li din il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzzjoni li l-appellant qed jitlob li l-ewwel sentenza tigi mibdula fis-sens li tinstab htija biss ta' pussess semplici minghajr l-aggravanti tac-cirkostanzi li jindikaw li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-appellant u minghajr l-aggravanti l-iehor tad-distanza, li l-prosekuzzjoni w l-Ewwel Qorti qiesitha bhala imputazzjoni separata w l-**

**appellant segwa l-istess appellattiv fir-rikors tal-appell. (ara**. "Il-Pulizija vs. Joseph Galea" **[30.6.1995])**

**Ghalhekk il-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali qed tigi respinta w l-Qorti ser tghaddi biex tiddeciedi l-appell fil-mertu.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ghal dak li jirrigwarda l-aggravji bazati fuq l-apprezzament tal-provi, jigi ripetut u ribadit, hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi" **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .)**

**Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

***"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll*** **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l-imputazzjonijiet bil-kwalifiki taghhom.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi l-provi kontra l-appellant jistghu jigu riassunti fil-qosor hekk :- Fl-10 t' Awwissu, 2001, wara li l-Pulizija rceviet informazzjoni li fil-kazin tal-*football* tan-Naxxar Lions, fin-Naxxar, kien hemm xi attivita' suspettuza dwar drogi, membri tad-Drug Squad marru fil-*Club* u waqt il-perkwizizzjonijiet li saru fuq dawk prezenti, PC 1183 Oliver Borg osserva li l-appellant beda jagixxi b' mod suspettuz u beda jipponta biex jitlaq il barra w wara li l-pulizija intimawh biex jerga' lura fejn kien u hu ma obdiex, PC 1183 allura mar fuq l-appellant u zammu bl-assistenza ta' WPC 45 Marisa Bartolo. Fuq l-appellant instabet karta safra bl-ahmar qiesha ta' magazine li kien fiha xi sustanza kannella. Din giet elevata w eventwalment esebita bhala Dokument NC 1. Sussegwentement saret ukoll perkwizizzjoni fir-residenza tal-appellant. Hemm gew elevati xi oggetti ohra relatati mall-abbuz tad-droga, konsistenti f' xi sitt siringi, xi kuccarina w xi karti, li ukoll gew esebiti w markati Dokument NC2 . Dawn kien tahomlhom l-**

**appellant stess mill-garage tar-residenza tieghu fejn kienu mohbijin qalb l-imbarazz go *cupboards*.**

Meta gie interrogat mill-Ispettur Norbert Ciappara l-appellant irrilaxxja l-istqarrija (Dok. NC3 a fol.10 u 11) w ammetta li hu kien juza d-droga eroina w kien ilu ma juzha tlitt gimghat . Mistoqsi dwar dak li sabulu fuqu l-Pulizija fil-Club tan-Naxxar Lions, l-appellant wiegeb testwalment hekk :-

*"Ghandi nghid li jien kont ghaddej minn hdejn il-kazin tal-football tan-Naxxar u rajt pakkett tas-sigarretti fl-art, wara li gbartu sibt li kien fih xi haga kannella u wara li ssuspettajt li kienet heroin gbartha, Ghandi nghid li jiena ma nafx x'inhi ghax ghadni ma ppruvajthiex."*

**M. "*Inti tigbor u ticcekkja kull pakkett ta' sigarretti li tara ma l-art?"***

**R*. "Le, jiena gbartu ghax ixxuttjajtu u hassejt xi haga tqila."***

**Hu zied jghid li sabha ma l-art u ma jafx ta' min hi. Cahad li kien jittraffika d-droga eroina gol-kazin bejn is-2pm u l-5 pm, ghax hu wara nofs inhar id-dar ikun u meta sabuh il-Pulizija kien hemm b' kumbinazzjoni. Hu qatt ma ttraffika eroina. Hu hmistax wara kellu jibda programm.**

**Mir-relazzjoni tal-espert tal-Qorti, l-Ispizjar Mario Mifsud irrizulta li fit-trab kannella elevat minn fuq l-appellant f' ammont nett totali ta'** 5.948 grammi **nstabet is-sustanza Herojina. Instabu tracci tas-sustanza Heroijina fuq il-kuccarina tal-plastic u tal-metall.**

**Irrizulta mid-depozizzjoni ta' Anthony Borg, rapprezentant tan-Naxxar Lions Football Club li dan il-kazin l-aktar li jkun frekjwentat hu miz-zghazagh.**

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti (fols. 50 sa 63), l-appellant ikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija tieghu.

Zied jghid li dak in-nhar ghandu vizzju meta jara xi haga jkun irid jixxuttjaha w din ixxuttjaha w hass pakkett tqil, hasbu pakkett tas-sigarretti nofsu mimli, gabru w sab dik. Dahal il-kazin, kien hemm kaxxa tal-loghob, tefghalha 10c. Laghbha w wara kwarta gew il-Pulizija. Dak iz-zmien hu kellu l-vizzju tad-droga eroina w sa dak iz-zmien kien ghadu ma jikkontrollax u li jara jiehdu, pero' dak iz-zmien kien gja bil-pjanijiet li jidhol ghall-programm. Wara kien ghamel il-programm, iggradwa w baqa' jmur il-Caritas darba fix-xahar. Issa jahdem u gharus. Il-pakkett kien tar-Rothmans ahmar jew blu, kbir. Kien fethu, kien hemm borza go karta u kien hemm daqxejn trab hiereg minn hemm. Ghall-bidu hu haseb li xi hadd ghamel hekk biex speci "jit…ek", jew inkella li xi hadd kien hbieha hemm ma tarf ta' bank tal-hadid. Hu s-soltu jpejjep Rothmans ahmar. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni in kontroezami :-

**D. "*nghid sew li kif kienu ser jersqu fuqek il-Pulizija, inti ipprovajt timxi w ersaqt ghan-nofs tal-kazin?*" , wiegeb : *"Ersaqt mall-gemb tal-kazin mall-bar."***

**Ix-xhieda l-ohra tad-difiza aktar jikkoncernaw il-piena milli l-kwistjoni tal-htija o meno tal-appellant.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, wara li ghaddiet in rassenja gurisprudenza rilevanti ghall-kaz, waslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant kien hati ta' pussess taht cirkostanzi tali li jindikaw li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-aggravanti (meqjusa mill-Ewwel Qorti bhala t-tieni imputazzjoni) li dan sar f' inqas minn 100 metru minn kazin, fejn solitu jiltaqghu iz-zghazagh, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.**

**Li stabilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero' trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma uzu**

**esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta', li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 26(1) tal-Kap.101.**

**Li fil-kaz odjern l-ewwel indizju indikattiv hu l-ammont ta' droga eroina misjuba w t-tieni indizju hu l-post fejn instabet, u cioe' fi Club fejn imorru z-zghazagh u barra mill-limiti tar-residenzi tal-imputat. It-tielet indizju hu l-mod li bih, skond l-appellant, instabet id-droga, li l-Ewwel Qorti ma sabitx attendibbli. Ir-raba indizju gej mill-kontradizzjoni f' dak li qal l-appellant meta qal li kien ilu xi tlitt gimghat ma jiehu d-droga, umbaghad fl-istess hin jghid li wera dak l-interess straordinarju f' pakkett misjub "b'kumbinazzjoni" u li intebah x' kien fih, tant li pprova jevita l-pulizija. Fuq dawn l-indizji l-Ewwel Qorti kkonkludiet li ladarba l-ammont ta' eroina hu tali li normalment wiehed ma jassocjax ma l-uzu esklussiv da parti tal-possessur u la fil-fehma taghha l-appellant naqas ghal kollox li jaghmel prova fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, kellha tinstab htija ta' pussess aggravat.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi ma hemmx kwistjoni dwar il-htija ta' pussess tad-droga eroina fl-10 t' Awwissu, 2001 u fil-gimghat ta' qabel, ghax dan hu ammess mill-istess appellant fl-istqarrija tieghu w fid-depozizzjoni tieghu w gie konfermat mill-analisi tal-esebiti mill-espert. Li qed jigi kontestat huwa l-pussess aggravat.**

**Din il-Qorti, wara li regghet ezaminat bir-reqqa l-provi kollha fuq riprodotti w wara li qieset is-sottoissjonijiet *in iscritto* w orali tal-appellant, thoss li l-Ewwel Qorti setghet kemm legalment kif ukoll ragonevolment tasal ghal-konkluzzjoni ta' htija ta' pussess aggravat , kif ghamlet.**

**Illi din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, ssib l-ispjegazzjoni li pprova jaghti l-appellant ghala nstab mill-Pulizija fil-**

**pussess ta' 5.948 grammi eroina go kazin tal-*football* ghal kollox inattendibbli w li ma tasalx biex tikkonvinci lanqas sal-grad tal-probabbli. Issa hu minnu li hemm il-prova tal-provenjenza w l-prova tac-cirkostanzi tal-intenzjoni tal-ispacc, pero' f' dan il-kaz dawn huma necessarjament marbutin flimkien <u>mill-istess appellant</u> ghaliex biex jispjega li d-droga kienet fuqu f' dik il-kwantita' w f' dak il-post, dak il-hin, hareg bi storja li bl-espressjoni Ingliza tista' tissejjah "*a cock and bull story*" u cioe' storja kkonfezzjonata b' l-aktar mod ingenjuz u fl-istess hin ingenwu tant li ma titwemminx, ghax fil-kors normali tal-hajja l-affarijiet ma jigrux hekk u m'ghandhiex mis-sewwa. Illi hu assurd li l-appellant jghid li meta xxuttja l-pakkett tas-sigarretti li kien fih karta u kwazi 6 grammi eroina , dan** hassu tqil **u allura ddecieda li jindaga biex jara x' kien fih. Dan ghaliex dan tant hu piz insinifikanti li sakemm ma jkollokx mizien elettroniku fil-ponta taz-zarbun, zgur li mhux ser thoss id-differenza bejn pakkett vojt u pakkett mimli. W anki kieki kien pakkett mimli, ma kienx hemm raguni ghaliex hu kellu jitbaxxa w jaqbdu w jifthu. Umbaghad ghaliex meta sab it-trab fih l-appellant, li mill-esperjenza tieghu ammessa tal-istess tip ta' droga – jekk kien waqaf mid-droga u kien behsiebu jibda programm - iddecieda li jzommu u li minnflok ma jiehdu d-dar – jekk iddecieda jikkonsmah – zammu w kompla jdur bih fil-but u addirittura mar jilghab go kazin tal-*football* bih fil-but, meta kien jaf ben tajjeb ghax gja kienu ttiehdu passi fuq reati ta' pussess semplici kontra tieghu, kif jidher mil-fedina penali tieghu, li din kienet haga mll-aktar inkriminanti? Insomma t-trovatura tal-appellant biex jispjega l-pussess f' dawk ic-cirkostanzi xejn ma hi attendibbli.**

**Konsegwentement l-Ewwel Qorti kellha kull dritt timferixxi li mill-kumpless tac-cirkostanzi l-fatt li l-appellant mar go kazin fejn ikun hemm iz-zghazagh bi kwantita' mhux insinifikanti ta' droga eroina li zgur li dak il-hin ma kienetx kwantita' li ser juza ghalih barra mid-dar tieghu, kien hemm ic-cirkostanzi li jindikaw li**

**l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu fid-dawl tal-gurisprudenza minnha citata.**

**Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li mill-assjem tal-provi, kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal biex tikkonkludi li l-appellant kien hati tal-akkuza bl-aggravanti kif dedotti w ghalhekk din il-Qorti ma' ghandix ghalfejn tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dik tal-Ewwel Qorti.**

**Illi ghar-rigward tal-aggravji dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara.** Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, ghaliex skond l-artikolu 22 (2) (b) (i) tal-Kap.101, l-piena mandatorja hija dik tal-prigunerija minn sitt xhur sa ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn LM200 u mhux izjed minn LM5000 u, meta r-reat jigi kommess f'inqas minn 100 metru mill-perimetru ta' skola, club, jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn jiltaqghu iz-zghazagh, il-piena tizdied bi grad. F' dan il-kaz ghalhekk il-piena karceraja minima kienet dik ta' seba xhur u dik massima kienet dik ta' tnax il-sena. Ghalhekk il-piena ta' 15 il-xahar habs erogata mill-Ewwel Qorti hija ferm aktar vicin il-minimu w ma jidhirx li hu l-kaz li tigi ridotta ulterjorment fic-cirkostanzi.**

**Terga' u tghid skond l-artikolu 22 (9) tal-Kap.101, id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kap.9 u dawk tal-Att dwar il-Probation tal-Hatjin ma humiex applikabbli ghall-persuna li tkun hatja tar-reat kif gie misjub hati l-appellant. Dan ifisser li idejn il-Qrati f'kazijiet bhal dawn huma marbutin u trid bil-fors tinghata piena karcerarja.**

**Illi mill-fedina penali aggornata tal-appellant umbaghad jidher li hu gie misjub hati diversi drabi ta' pussess ta' drogi w ta' serq kif ukoll ta' reati ohra izda dejjem sab il-komprensjoni tal-Qrati li kull darba jew ammonewh, jew illiberawh b' kondizzjoni jew poggewh taht probation. Issa dan it-trattament m' ghadux aktar possibbli fil-kaz tar-reat odjern.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**Pero', peress li rrizulta quddiem l-Ewwel Qorti li l-appellant kien ghamel progress konsiderevoli fl-isforzi tieghu biex johrog mill-vizzju tad-droga, tirrakkomanda lill-Awtoritajiet tal-Habs biex jaghtu lill-appellant kull facilita' possibbli taht il-ligi w r-Regolamenti tal-Habs biex hu jkun jista' jibqa' jattendi laqghat tal-grupp tal-Caritas li kien qed jattendi ghalih sa zmien recenti kif ukoll li jibqa' jircevi kull kura w terapija li ghandu bzonn, jekk dan hu possibbli.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------